# il-Ħuttafa

Numru **172** Settembru – Ottubru 2022



Sparvier

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife 60 1962 MALTA 2022

Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Qerd in-naħal
*(European bee-eater)*

# Ħej Ħuttaf...

mill-editur

Meta nsemmu t-tniġġis naħsbu f'xi roqgħa plastik fil-baħar, jew dħaħen ħerġin minn ċumnija. Kontu tafu li anke d-dawl jista' jniġġes?

Id-dawl iniġġes mhux għax iħammeġ bħad-dħaħen u l-iskart, imma għax ifixkel ħaġa importanti fin-natura: id-dlam!

Huwa naturali li filgħaxija jaqa' d-dlam, u għan-natura d-dlam huwa meħtieġ għax fid-dlam ħafna natura tistrieħ u torqod. Anke l-pjanti jistrieħu meta tinżel ix-xemx, u ħafna pjanti jagħlqu l-fjuri u anke jitwu l-weraq.

Il-lejl huwa parti miċ-ċiklu tal-ġurnata. Meta l-lejl nixegħluh bid-dwal esaġerati dan iċ-ċiklu nħarbtuh għax inħawdu l-arloġġ tan-natura.

Issa saret moda li nixegħlu anke s-siġar minn taħt, mingħalina biex jagħmlu sabiħ. Barra li hija ħela ta' elettriku, ninsew li s-siġar huma l-kenn ta' ħafna annimali, fosthom għasafar, insetti u rettili. Jekk fis-siġra hemm bufula qed tipprova torqod, dawl qawwi f'wiċċha ma jħallihiex tistrieħ. L-għada ma jkollhiex saħħa ssib biżżejjed ikel għaliha jew għall-frieħ.

Dawn l-affarijiet ma naħsbux fihom meta nimlew kullimkien dawl. Mhux sew naħsbu li d-dinja tan-nies biss.

Tgħiduli: "Iss, allura ma nistgħux inżejnu ftit is-siġar għall-Milied jew nhar il-festa?" Uuu mela le! Imma hemm għalfejn id-dawl jibqa' mixgħul il-lejl kollu? M'aħniex kapaċi nħallu l-lejl isaltan fid-dlam imqar għal sitt sigħat?

U issa ħa nitfi u nħallikom għax qed jaqbadni n-ngħas!

*Victor*
**Victor Falzon** L-Editur




Victor Falzon

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

### Sparvier

Eurasian Sparrowhawk *Accipiter nisus*

L-isparvier huwa waħda mit-tajr tal-priża li jpassu minn fuq Malta fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Għalkemm jidher kull sena, l-isparvier mhux speċi komuni. Huwa għasfur tal-foresti, u l-ispeċjalità tiegħu huwa li jżiġġ b'ħeffa qalb is-siġar biex jaqbad il-priża, li s-soltu jkunu għasafar żgħar.



## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 3 |
| X'rajt fil-ġnien | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Naturalment | 5 |
| Rockpools | 6 |
| Il-Qabbeżin | 7 |
| Paletta u Agrett | 8–9 |
| Coral reefs | 10 |
| Colour the bird | 11 |
| Be nice to nature | 11 |
| Young Birders Club | 12 |
| The Migration Story | 13 |
| Simboli nazzjonali | 14 |
| Il-Bomblu Iswed | 15 |
| Saving the Universe | 16 |


## Kitbu

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Mark Gauci, Myles McClean, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.




## Kuntatti

tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, October 2022
Design and production Victor Falzon
Printed at Poulton's Print on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# 136 maqfulin... u meħlusin.



F'Settembru l-pulizija għamlet rejd f'għalqa ta' wieħed nassab f'Ħal Għaxaq. Sabulu mhux inqas minn **136 għasfur** (lista hawn taħt) miżmumin f'kundizzjonijiet tal-biża'. Uħud lanqas setgħu jimxu bil-ħmieġ imwaħħal ma' saqajhom, oħrajn kellhom ir-rix imqasqas. Ir-rejd sar bis-saħħa ta' tagħrif li ġabru sħabna tal-għaqda CABS. Prosit CABS!

L-għasafar iċċekkjahom vet u nħelsu mill-BirdLife fir-riserva naturali tal-Għadira. Oħrajn inżammu għal xi żmien għal iktar kura.

X'ħasra li l-vizzju tal-insib tal-għasafar f'Malta għadu ma nqatax.

L-għasafar kienu ta' 18-il speċi u lkoll imħarsin bil-liġi:

**16**-il swejda *(green sandpiper)*
**16**-il swejda ċara *(wood sandpiper)*
**16**-il pispisella *(common sandpiper)*
**16**-il verdun *(greenfinch)*
**13**-il monakella *(little ringed plover)*
**12**-il sponsun *(chaffinch)*
**9** tertuxiet *(little stint)*
**9** ekri *(siskin)*
**8** sponsuni *(chaffinch)*
**5** monakelli primi *(ringed plover)*
**5** apparelli *(serin)*
**3** fras-servjenti *(black-winged stilt)*
**2** ġaħġaħ *(tree sparrow)*
**2** tertuxiet griżi *(Temminck's stint)*
**1** gardell *(goldfinch)*
**1** isfar *(yellow wagtail)*
**1** diżż aħmar *(red-throated pipit)*
**1** ċewċewwa *(greenshank)*







# Żgħira imma importanti

Ħdejn il-Qawra hemm gżira żgħira jisimha l-Ponta tal-Qawra. Ftit ġimgħat ilu dil-gżira ġiet imħarsa bil-liġi, jiġifieri kaċċa ma tistax' issir iktar minn fuqha. Għalkemm żgħira hija importanti. Għaliex? Għax il-Ponta tal-Qawra qiegħda fid-daħla tal-bajja tas-Salina, u minn fuqha jgħaddu ħafna għasafar li jkunu sejrin jistrieħu fir-riserva naturali tas-Salina. Xieraq li ħadd ma jkun qed jistenniehom fid-daħla bil-moħbi biex jisparalhom hux!

# X'għandna mid-dinja?

## Inqas moħqrija...





Fi **Spanja** l-ġlied bil-barri qiegħed dejjem jonqos. Minn 648 *bullfights* organizzati fl-2009, in-numru niżel għal 349 fl-2019. Ħafna nies m'għadhomx jieħdu gost jaraw annimali jinħaqru. Fejn dari *la corrida* kienet meqjusa l-isport nazzjonali ta' Spanja, illum ħafna jsejħulha l-mistħija nazzjonali!




## Lura d-dar...



Alison Buttigieg



Dari ċ-ċita kienet mifruxa mal-**Indja** kollha. Imma bil-kaċċa u l-qerda tal-ħabitat, sal-1952 kienet estinta. Issa, wara li saru l-istudji, tmien ċita min-Namibja ttieħdu l-Indja u ntelqu f'park nazzjonali kbir. Ilkoll għandhom *radio collar* m'għonqhom biex ix-xjenzati jibqgħu jsegwuhom u jistudjawhom.

## Baħar kwiet...





Qorti fl-**Afrika t'Isfel** ma tatx permess lill-kumpanija Shell biex tfittex iż-żejt f'qiegħ l-Oċean Indjan. It-tfittix jinvolvi ħsejjes qawwijin fil-baħar, wieħed kull 10 sekondi *bla waqfien għal ħames xhur sħaħ*. Il-fawna tal-baħar tbati ħafna b'dan l-istorbju speċjalment annimali sensittivi għall-ħoss bħal balieni u dniefel.

# X'rajt fil-ġnien 9

Desirée Falzon
Detektiv


Desirée Falzon

Fil-ġnien għandi pjanta tax-xorbett li kibret u nfirxet mhux ħażin. Ix-xorbett inħobbha għax twarrad fil-ħarifa fi żmien meta ħafna pjanti oħra jkunu għajjenin wara sajf nixfa. In-naħal u l-friefet iħobbuha ħafna. Minbarra l-fjuri, il-friegħi folti tax-xorbett jiffurmaw ġungla żgħira li tagħti kenn lil ħafna annimali żgħar. Meta nkun fil-ġnien dejjem nittawwal qalb il-friegħi biex nara x'insib.



Victor Falzon

brimba kbira tal-widien (mara)

## Pakkett stramb!

Is-sena l-oħra jiena u nfittex qalb il-friegħi tax-xorbett, rajt qisu ballun żgħir griż. Kien imdendel b'ħafna ħjut irqaq bejn il-friegħi. Ħmm, dan poġġieh xi ħadd! Meta ħarist iktar mill-qrib indunajt li ma kienx eżatt ballun għax il-parti ta' fuq kienet ċatta, qisha borża bl-għatu. Xi stramberija!

Missejtha bil-mod. Ma ċċaqalqitx. Ma ppruvajtx niftaħ l-għatu għax jekk kien hemm annimal moħbi fiha għax-xitwa kont infixklu jew inweġġgħu.

Allura bdejt naħseb: Dawk il-ħjut min seta' għamilhom? Tgħid brimba? Imma brimba mhux għanqbuta tagħmel? Imbagħad ftakart li ftit ġranet qabel kont rajt **brimba kbira tal-widien** mdendla f'għanqbuta fl-istess post. Ħmm, tgħid dik il-ħaġa hi għamlitha?

## Mijiet ta' tikek!

U hekk kien! Għamilt xitwa sħiħa noħroġ nosserva dak il-pakkett stramb, u kważi qtajt qalbi li niskopri x'kienet. Imma ġurnata minnhom mort niċċekja u sibt il-pakkett miftuħ u madwaru mijiet ta' tikek ileqqu. Ġibt il-lenti u bdejt nidħaq bil-pjaċir meta ndunajt li dawk it-tikek kienu brimb żgħar!

Sewwa kont ħsibt. L-omm kienet forsi waslet biex tmut, għalhekk nisġet dak il-pokit tal-ħarir, biedet il-bajd fih, għalqitu u dendlitu ġo xibka ħarir. Meta waslet ir-rebbiegħa u t-temp ibbnazza, iż-żgħar faqqsu, gerrmu toqba fl-għatu u ħarġu biex jibdew ħajjithom!

Xi ġmiel, hux!



Desirée Falzon

Ballun brimb għadu kemm faqqas mill-pakkett!

Xi ħlew!

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha! Dawn huma **Numri 31 sa 40**...

31

Isem Malti
**Blonġun Prim**
Isem Ingliż
**Great Crested Grebe**
Isem xjentifiku
*Podiceps cristatus*

32

Isem Malti
**Blonġun Sekond**
Isem Ingliż
**Black-necked Grebe**
Isem xjentifiku
*Podiceps nigricollis*

33

Isem Malti
**Fjamingu**
Isem Ingliż
**Greater Flamingo**
Isem xjentifiku
*Phoenicopterus roseus*

34

Isem Malti
**Tudun tal-Ġebel**
Isem Ingliż
**Rock Dove**
Isem xjentifiku
*Columba livia*

35

Isem Malti
**Tudun tas-Siġar**
Isem Ingliż
**Stock Dove**
Isem xjentifiku
*Columba oenas*

36

Isem Malti
**Tudun**
Isem Ingliż
**Common Woodpigeon**
Isem xjentifiku
*Columba palumbus*

37

Isem Malti
**Gamiema**
Isem Ingliż
**European Turtle-dove**
Isem xjentifiku
*Streptopelia turtur*

38

Isem Malti
**Gamiema tal-Kullar**
Isem Ingliż
**Eurasian Collared Dove**
Isem xjentifiku
*Streptopelia decaocto*

39

Isem Malti
**Gamiema tal-Ilwien**
Isem Ingliż
**Laughing Dove**
Isem xjentifiku
*Spilopelia senegalensis*

40

Isem Malti
**Ganga ta' Spanja**
Isem Ingliż
**Black-bellied Sandgrouse**
Isem xjentifiku
*Pterocles orientalis*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

Ritratti Aron Tanti, Victor Falzon, Denis Cachia, Ray Vella



NATURAlment
Titilfuhx!
Programm imtella' minn BirdLife Malta fl-okkażjoni tas-60 sena mit-twaqqif tagħha
Fuq NET TV
Kull nhar ta' Ħamis
Fid-9.35pm

Aron Tanti

# Rockpools

**Rockpools** are formed when rainwater fills hollows in rocks formed through many years of erosion.

These rockpool habitats have **two stages in a year**, the first stage occurs when the pools fill with rainwater and the second occurs in summer when they dry up due to evaporation.

Rockpools are referred to as being ephemeral meaning that they last for a short time.

Various **plants and algae** inhabit these freshwater rock pools, these include the Maltese Waterwort (l-elatine) and the Maltese Horned - pondweed (il-ħarira tal-ilma).

There are also many **aquatic insects** which call this habitat home. These include microcrustaceans, such as the Common Copepod (il-kopepodu tal-għadajjar), Freshwater shrimps such as the Fairy Shrimp (il-gamblu tal-għadajjar) and the Water Flea (iż-żagħrun tal-ġwiebi). Other organisms like the Tadpole Shrimp (il-gamblu tal-elmu), are also found in this habitat however, they are extremely rare.

During the **dry season,** some species move out of the rock pool and return when conditions become favourable, while some species have specially adapted to the habitat and remain dormant in the soil during the dry stage only to remerge during the wet stage.




Photos (Shrimp & Tal-Wej) by Lara Galea

ERA
Environment & Resources Authority

## Habitats in Malta

# Il-Qabbeżin

Fil-ħarifa tagħmel ix-xita u jibdew jikbru ħafna pjanti ġodda. Fl-istess ħin it-temp ikun għadu sħun. Mhux ta' b'xejn fil-ħarifa jitfaċċaw ħafna ġurati, għax il-ġurati jħobbu s-sħana u jħobbu l-weraq! Dawn ftit minnhom...



Desirée Falzon



Aron Tanti



Victor Falzon



Desirée Falzon



Victor Falzon



Victor Falzon



Victor Falzon



Victor Falzon

Il-ġurati huma interessanti. Pereżempju ħafna ġurati jikkomunikaw bejniethom billi jsaffru u jpespsu, kważi bħall-għasafar. U għandhom widnejhom... f'irkubbtejhom! X'ħasra li tant nies jibżgħu minnhom bla bżonn!



# Paletta u Agrett Abjad

Eurasian Spoonbill *Platalea leucorodia*
Little Egret *Egretta garzetta*




Ritratt ta' Aron Tanti meħud fir-riserva natural tas-Salina

# THE BEAUTY AND DANGER IN THE FASCINATING WORLD OF CORAL REEFS

MALTA NATIONAL AQUARIUM

## What is a coral?

Corals are not plants or rocks... they are actually animals! They are the cousins of sea anemones and jellyfish. The hard structure we see is actually the skeleton of the animal, who hides inside it as a little 'worm' called polyp! They can also have tiny algae living inside their cells. These algae produce lots of food for the coral to survive and, in exchange, get free rent and can live nice and cosy inside the coral!







## Why are corals important?

1. Many sea creatures live there! Coral reefs occupy only 0.1% of all the ocean surface, but yet host 25% of all marine species!
2. Scientists have found that many of the substances produced by corals can also be used as human medicine. Now that's cool!
3. The reef acts like a big wall that protects the houses of the people by the shore from waves, storms and even tsunamis.

Among so many other things... not to mention, they are beautiful and have been on the planet for over 500 million years, and that's enough reason to protect them!

Warm reef-gards from the reef, dude!



## The problem of coral bleaching...

When the temperature gets too hot, the algae are expelled from inside the coral, making them become white and can end up even dying in the long term.



To save coral reefs, we need to fight threats like climate change, plastic pollution and overfishing. Will you join the fight?

## TEST YOUR KNOWLEDGE IN OUR CORAL QUIZ!

1. Corals are:
a) Rocks
b) Plants
c) Animals related to jellyfish and anemones

2. What lives inside the cells of some tropical corals?
a) Algae
b) Trees
c) Worms

3. What is the main cause of coral bleaching?
a) Cold water
b) Hot water
c) Plastic pollution

Answers: 1.C, 2.A, 3.B

# Colour the bird



Victor Falzon



## Kingfisher

Kingfishers are colourful birds. They catch fish from lakes and rivers. Good places to see kingfishers are Għadira, Is-Simar and Salina nature reserves. Sit in the birdwatching hides, be quiet and patient, and you may be lucky to watch the king fishing!

## Be Nice to Nature



Victor Falzon

Birds get hungry in winter because all the juicy insects hide away in their nests and shelters. So set up a bird table and put out nice things for them to eat. It's easy to make a bird table. Just a piece of wood stuck to a broomstick, like in the picture (get a grown-up to help you with sharp tools). Stick the thing in the soil in your garden, or in a flower pot filled with sand. Put out food like cake crumbs, crushed biscuits and seeds and watch the hungry sparrows nibble that delicious snack. Be nice to nature! Thank you.

n Days! Club Days! Fun Days! Clu




We at Klabb Ħuttaf do lots of fun activities and adventures for you and your family. To learn about our next awesome activity check out our website!

www.birdlifemalta.org/events

# Young Birders Club



Hi everyone, I'm Myles McClean, I am 13 years old and I have been birding for the past 3 years. Not long ago, BirdLife Malta started a birding club for fellow birders my age and younger. This summer I joined the club and here are some of my best birding trips.





Scopoli's shearwater

## Ta' Ċenċ boat trip July 2022

In July we met other birdwatchers at Ċirkewwa for a boat trip around Ta' Ċenċ cliffs looking for Scopoli's shearwaters. Only 20 minutes in we saw our first [1]raft. Soon after, we saw many **Scopoli's shearwaters** flying and rafting on the surface right next to the boat – some people spotted a distant **Yelkouan Shearwater** too. It was great to see the huge Ta' Ċenċ cliffs so close and to enjoy the wonderful sunset. On checking his photos after the trip, one member found he had photographed a very rare **Cory's shearwater**, which is very hard to tell from the much more common Scopoli's.



Swinhoe's petrel

## Marsaskala boat trip August 2022

Another boat trip, but this one was to go looking for the amazing black terns. We had also heard from fellow birdwatchers that there was an extremely rare Swinhoe's storm-petrel about, which raised many hopes! We headed out at sea, passing by the fish farms where hundreds of **black terns** were doing acrobatics in the air. We enjoyed watching and taking pictures of them. At this time of year the terns are not all-black but changing into their winter plumage. We also observed many **European storm-petrels** sitting and flying on the water – at one point we also saw a **loggerhead turtle** relaxing at the surface! Finally, we were lucky to spot the **Swinhoe's storm-petrel** and get good record shots. I was impressed how much bigger it was than the European storm-petrels.




loggerhead turtle



black tern



European storm-petrel

## Buskett September 2022

We visited Buskett a number of times to do some raptor watching. From around 4pm to 7pm is the best time to see birds of prey. The first time I went I didn't get very good views of birds like **marsh-harriers** but I did see a flock of **bee-eaters**, a small flock of 3 **turtle-doves**, a **golden oriole** and a scarce **roller**, which was a [2]lifer for me.

My second trip was much better. I got fantastic views of many flocks of bee-eaters and raptors such as marsh-harriers, **honey-buzzards**, **black kite**, **hobby** and **osprey**. Other birders also spotted an **Eleonora's falcon**.



European bee-eater

[1]**raft**. A group of seabirds resting together on the surface of the water
[2]**lifer**. A new bird on the birdwatcher's list

All photos on this page by Myles McClean



**I urge you young birdwatchers to join BirdLife Malta's Young Birders Club. It will teach you lots of things and most of all you'll see birds you've never seen before.**

The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttaf**. To join the group ask your parents to contact Nick Galea on **nicholas.galea@birdlifemalta.org**

# The Migration Story

Part 4

**Wow!**

Migration brings out the best in physical achievement. Human Olympic feats pale in comparison.

## For distance . . .

The Arctic Tern holds the record for the longest migration journey: a round trip of 71,000km, all the way from the Arctic to Antarctica and back. That's like walking the length of Malta 2630 times! Oh, and it does this epic trip every year.







## For endurance . . .

For endurance, nobody beats the Bar-tailed Godwit. This wader can fly 11,200km nonstop for eight days. That's right, nonstop! No stopping to rest or sleep or eat. Next time you take part in a race and you feel tired, remember the Bar-tailed Godwit and get on with it!




## For altitude . . .

Domestic geese are big, heavy birds waddling about in a farmyard. Wild geese are very different. So don't be surprised to learn that the Bar-headed Goose holds the record of the bird that flies highest. These birds fly at a whopping altitude of 8800m (that's almost 9km) above sea level, as they sail over the Himalayas in India... with no oxygen masks!




## For speed . . .

The award for the fastest bird on migration goes to the Great Snipe. This bird can fly up to 6700km at speeds of 96km/h. On our roads that would earn it a few speeding tickets!




Text Mark Gauci • Drawings Victor Falzon

# HELLO TFAL!

## Jien Nina,

Qed niktbilkom għax għandi bżonn ftit għajnuna fuq proġett tal-iskola mil-lezzjoni tal-Istudji Soċjali. Mid-dehra x-xogħol għamiltu ftit bil-għaġla u l-ismijiet u l-istampi ħawwadthom. Tistgħu tgħinuni ftit biex nirranġahom, billi tqabblu bil-vleġeġ?

L-Għasfur Nazzjonali ta' Malta




WIDNET IL-BAĦAR

Il-Pjanta Nazzjonali ta' Malta




L-GĦARGĦAR

Il-Ħuta Nazzjonali ta' Malta




IL-MERILL

Is-Siġra Nazzjonali ta' Malta




IL-BUŻAQQ

## GRAZZI TAL-GĦAJNUNA TAGĦKOM!

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta



Victor Falzon

# il-Bomblu Iswed

- Il-bomblu iswed huwa l-ikbar naħla li għandna Malta. Huwa wkoll waħda mill-ikbar naħal fl-Ewropa!
- L-isem xjentifiku tal-bomblu iswed huwa *Xylocopa violacea*. Il-kelma *xylocopa* ġejja mill-Grieg u tfisser qattiegħ tal-injam! Anke bl-Ingliż jismu *large carpenter bee*. Carpenter huwa mastrudaxxa!
- Il-bomblu iswed għandu xedaq b'saħħtu. Dan jużah biex iħaffer mina fl-injam, bid-daħla tonda. Din il-mina tintuża jew biex il-mara tbid fiha jew għar-raqda tax-xitwa.
- Il-bomblu iswed spiss juża qasab niexef biex ibejjet fih. Fil-fatt isem ieħor għal dan l-insett huwa naħla tal-qasab.
- Il-bomblu iswed huwa insett solitarju, jiġifieri ma jgħixx fi gruppi bħan-naħla tal-għasel.
- Il-bomblu iswed ma jagħmilx għasel.
- Il-bomblu iswed jiekol nektar u polin mill-fjuri. Iżur diversi speċi ta' pjanti u huwa [1]dakkâr tajjeb.
- Meta l-mara tbid, tħalli ballun polin ma' kull bajda biex meta x-xagħat ifaqqas isib mill-ewwel x'jiekol.
- Bħal xi naħal ieħor, il-bomblu iswed għandu xewka f'tarf il-warrani. Din ix-xewka jużaha biex jiddefendi ruħu.
- Għalkemm jidher xi ftit tal-biża' l-bomblu iswed mhux aggressiv. Trid tittantah biex idur għalik! Nuru rispett u nħalluh bi kwietu.



Il-bomblu iswed jagħmel toqba tonda perfetta... daqs l-aqwa mastrudaxxa

Victor Falzon

[1]**dakkâr.** Annimal li jġorr polin minn fjuri għal oħra u bis-saħħa t'hekk il-fjura tiddakkar u ssir frotta u żerriegħa


ECOHIVE MISSIONS
SAVING THE UNIVERSE
WRITTEN BY ELENA
I'M DONE GETTING CAUGHT! I'LL HEAD OFF TO SPACE. THERE'S NO WAY THE BEES WILL GET THERE!
HAHAHA!
I'LL FLY MY SMOKE MAKING ROCKET INTO ORBIT AND COVER MALTA IN DARKNESS!
THIS SUPER POLLUTING FUEL, WILL PRODUCE ENOUGH FUMES TO CUT OFF THE SUNLIGHT!
3, 2, 1...
BLAST OFF!
TAP!
SMOKE
TIME TO GET SMOKY!
8AM AT ECOHIVE
I WAS OUT WITH THE CADETS AND SUDDENLY IT TURNED DARK - AS IF SOMEONE FLIPPED A LIGHT SWITCH!
IT'S SUPER SUSPICIOUS! I'LL CONTACT AGENT MERILL RIGHT AWAY!
WE WERE CLEANING SPACE GARBAGE WHEN WE SAW "GUESS WHO" ON THE RADAR?!
WHAT IS HE DOING UP THERE?!
AGENT MERILL
HE IS RELEASING CLOUDS OF POLLUTION AND BLOCKING THE SUNLIGHT!
YOU TAKE CARE OF THE MESS HE MADE AND WE'LL FIGURE OUT HOW TO CATCH HIM ONCE HE LANDS!
YOU CAN LEAVE IT TO US! WE'LL DEAL WITH THE POLLUTION IN NO TIME!
WHAT?! BEES IN SPACE?! WELL, MY JOB HERE IS DONE! TIME TO GO BACK TO EARTH!
THE GARBAGE MONSTER! HE'S ESCAPING IN A POD!
WE CAN'T CHASE HIM, HE'S ALREADY TOO FAR AWAY!
CURSE YOU, BEES! I'LL LAND SOMEWHERE YOU'LL NEVER FIND ME! SEE YOU NEXT TIME, SUCKERS!
SMOKE AND AIR POLLUTION IS VERY DANGEROUS!
CLEAN AIR KEEPS US HEALTHY. SO LET'S ALL BE CAREFUL GUYS!
ECOHIVE ACADEMY
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS